23 ta' Mejju, 1941

**Imħalief :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Joseph Spiteri pr. et ne.** *versus* **Edoardo Busuttil et.**

**Ċitazzjoni — Irritwalità — [illegible]**

**Dikjarazzjoni tal-Proprjetà — Ġudikat — "Bis in Idem".**

*F'każ ta' talba għar-rilaxx ta' fond iċ-ċitazzjoni hija irritwali jekk ma*

*jkunx fiha wkoll talba għad-dikjarazzjoni li min għamel dik it-talba huwa proprjetarju tal-fond li tiegħu qiegħed jitlob ir-rilaxx. Imma jekk l-attur, minflok jagħmel din it-talba għad-dikjarazzjoni tal-proprjetà, jagħmel premessi li jekwivalu "per equipollens" għal dik id-dikjarazzjoni, b'riferenza għal sentenza li tkun għaddiet ġudikat, iċ-ċitazzjoni ma tkunx irritwali.*

*Biex tkun ġudikat, is-sentenza trid tkun ġiet mogħtija f'kawża fejn kienu preżenti l-partijiet kollha li jidħru fil-kawża susegwenti, jiġifieri illi huwa meħtieġ l-element ta' l-"eadem personae", apparti l-elementi l-oħra li huma wkoll meħtieġa. U lanqas hemm ġudikat għal xi parti li tkun dehret fil-kawża fejn ġiet mogħtija dik is-sentenza, jekk dik il-parti tkun dehret fi kwalità diversa minn dik li fiha tidher fil-kawża susegwenti.*

*Jekk il-ġudikat ma jistax jiġi avokat fil-kawża susegwenti u mhux ta' ostakolu illi l-kwistjoni deċiża minnu terġa' tiġi diskussa u deċiża, allura r-riferenza għal dik is-sentenza ma tiswiex, u ċ-ċitazzjoni li, minflok talba għad-dikjarazzjoni tal-proprjetà tal-fond li tiegħu jintalab ir-rilaxx, fiha riferenza għal dik is-sentenza hija irritwali.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi ppremettew illi b'kuntratt magħmul għand in-Nutar Luigi Gauci Forno fit-3 ta' Lulju 1917 l-imsemmija A.I.Ċ. Paolo u Elisa miżżewġin Busuttil, awturi tal-konvenuti, irċevew minn għand il-Patri Carmelo Meli, ġeżwita, b'titolu ta' donazzjoni, bħala soġġetta għall-użufrutt suċċessiv ta' Don Giuseppe Mamo u ta' Raffaele Mamo, li mietu fit-22 ta' Mejju 1935 u fl-14 ta' Jannar 1934 rispettivament, id-dar l-Isla, numri 121 u 122 Triq San Giuseppe; illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Jannar 1937 fil-kawża fl-ismijiet "Giovanna Spiteri vs. Enrico Soler et.", konfermata b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re tat-22 ta' Ottubru 1937, l-imsemmi kuntratt ta' donazzjoni ġie dikjarat null u bla ebda effett; illi meta l-kuntratt ġie eżegwit l-imsemmi Padre Meli kien ġà emetta l-voti solenni ta' Ġeżwita, u għalhekk is-suċċessjoni tiegħu kienet ġa nfetħet; illi b'digrieti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re nri 1336 u 2319 ta' l-1939 l-eredità ta' Padre Carmelo Meli ġiet dikjarata miftuħa favur Maria Spiteri u Raffaele Mamo, li tagħhom huma eredi l-atturi aħwa Spiteri, u favur l-eredità ġjaċenti ta' Don Giuseppe

Mamo; illi l-konvenuti, non ostanti s-sentenzi fuq imsemmija u l-ittra uffiċjali interpellatorja tat-13 ta' Mejju 1943, ma rrilaxxjawx a favur ta' l-instanti l-fond fuq imsemmi; u talbu (1) il-kundanna tal-konvenuti biex jirrilaxxjaw favur l-atturi l-fond imsemmi fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom fissat minn din il-Qorti, u fil-każ li fiż-żmien li lilhom hekk jiġi impost il-konvenuti ma jirrilaxxjawx il-fond fuq imsemmi, jiġi dikjarat illi r-rilaxx ikun sar in forza tas-sentenza; u (2) il-kundanna tal-konvenutii biex iħallsu lill-atturi, fil-kwalità taħhom premessa, dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, in restituzzjoni tal-frutti minnhom indebitament perċepiti mill-istess fond mill-jum ta' l-inġusta okkupazzjoni tagħhom sal-jum tal-konsenja tal-fond fuq imsemmi, skond il-liġi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Mejju 1943, u bl-imgħaxijiet legali; u b'riżerva ta' kwalunkwe dritt ieħor kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi huwa ċar illi l-ewwelnett għandha tiġi eżaminata l-eċċezzjoni preliminari ta' l-irritwalità ta' l-istanza minħabba nnuqqas tad-domanda għad-dikjarazzjoni ta' proprjetà ta' l-atturi;

Illi l-atturi, għad-domanda tar-rilaxx tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni, ippremettew illi l-Ġeżwita Padre Meli kien għamel donazzjoni ta' dan il-fond lill-awturi tal-konvenuti, illi din id-donazzjoni ġiet b'sentenza dikjarata nulla u illi s-suċċessjoni ta' l-imsemmi Padre Meli ġiet dikjarata miftuħa favur iż-żewġ awturi ta' l-atturi u favur l-eredità ġjaċenti attriċi;

Illi dawn it-tliet premessi, u partikolarment it-tieni waħda dwar l-annullament tad-donazzjoni, jirrendu neċessarju, anzi imprexindibili, illi, għall-finijiet ta' l-eżami ta' din il-preġudizzjali ta' l-irritwalità, tiġi delibata l-kwistjoni l-oħra li qiegħda tiġi agitata bejn il-partijiet, dik ċjoè jekk is-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Ottubru 1937 fil-kawża "Giovanna Spiteri vs. Enrico Soler et.", konfermatorja ta' dik ta' l-ewwel istanza, tikkostitwixxix ġudikat jew le. Infatti, jekk l-annullament tad-donazzjoni u l-apertura tas-suċċessjoni ta' Padre Meli għandhom jitqiesu bħala materja rrevokabilment fissata favur l-atturi b'dik is-sentenza, allura huwa ċar

illi dawk it-tliet premessi jekwivalu "per equipollens" għad-dikarazzjoni tad-dritt ta' proprjetà li jmiss lill-atturi. Infatti dawk it-tliet premessi xejn aktar ma jistgħu jfissru ħlief illi bl-annullament tad-donazzjoni u bl-apertura tas-suċċessjoni ta' Padre Meli l-proprjetà tal-fond tmiss lill-atturi. Is-sentenza hija eminentement att publiku, u r-riferenza għaliha fil-premessi hija biżżejjed, kif ġie deċiż fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' -Appell "Cachia vs. Camenzuli" tad-9 ta' Lulju 1869, ċitata mill-atturi fin-nota fol. 32. Mhux biss; imma meta l-liġi ma tipprojbixxix l-ekwipollenti, l-impliċitu għandu l-forma ta' l-espliċitu (ara sent. App. "Leonard vs. Casella", 26 ta' Frar 1873). Għalhekk, jekk il-proprjetà tal-fond ġiet stabbilita favur l-atturi bħala effett tas-sentenza li annullat id-donazzjoni, u jekk dik is-sentenza għandha titqies ġudikat li jippreklud kull eżami dwar dik il-kwistjoni f'dan il-proċess, allura ma hemmx bżonn dikjarazzjoni espressa ta' proprjetà, għaliex il-kwistjoni tal-proprjetà ma għandhiex tiġi riżoluta f'dana l-proċess, imma tinsab diġà riżoluta bil-ġudikat u huwa biżżejjed illi jsir, kif sar, riferenza għalih. Imma, għall-kuntrarju, jekk ma hemmx l-ostakolu tal-ġudikat, allura dik ir-riferenza ma hijiex biżżejjed, u teħtieġ dikjarazzjoni illi l-proprjetà tal-fond tmiss lill-atturi. Infatti, biex il-Qorti tara jekk hemmx lok għall-kundanna għar-rilaxx tal-fond hemm bżonn, jekk ma hemmx l-ostakolu tal-"non bis in idem", illi l-Qorti tinvesti qabel xejn il-kwistjoni jekk il-proprjetà tmissx lill-atturi jew le; u dan ma jistax isir meta fiċ-ċitazzjoni hemm biss riferenza għal sentenza li, f'din it-tieni ipotesi, ma torbotx il-ġudikant f'din il-kawża, u meta ma hemm xejn li jista' jeċċita l-eżami tal-kwistjoni mill-ġdid minn din il-Qorti; molto pjù, illi fil-każ preżenti l-kwistjoni tal-proprjetà ma hix tali "sic et simpliciter", imma tikkoinvolġi l-oħra ta' l-annullament tad-donazzjoni—kwistjoni li, dejjem f'din it-tieni ipotesi, tkun trid tiġi eżaminata mill-ġdid;

Illi għalhekk id-deċiżjoni tal-kwistjoni preliminari ta' l-irritwalità tiddependi mill-oħra jekk hemmx l-ostakolu tal-ġudikat dwar il-kwistjonijiet ta' l-annullament tad-donazzjoni u ta' l-apertura tas-suċċessjoni ta' Padre Meli. Il-Liġi Proċedurali tikkontempla espressament (art. 736) il-każ li fih il-

Qorti jkollha bżonn tidħol fil-merito in kwantu dan jinfluwixxi fuq id-deċiżjoni preliminari;

Ikkunsidrat;

Illi r-regola sikura għal deċiżjoni ta' kwistjoni dwar il-"non bis in idem" hija dejjem dik indikata mill-prinċipju tad-Dritt Ruman fil-Leges 12, 13 u 14, ff. De Exceptione Rei Judicatae — "cum queritur haec exceptio noceat nec ne inspiciendum est an idem corpus sit, quantitas eadem, idem jus, et an eadem causa petendi et eadem conditio personarum; quae nisi omnia concurrunt, alia est";

Illi fil-kawża "Giovanna Spiteri vs. Enrico Soler" l-unika attriċi kienet Giovanna Spiteri, u għalhekk ma jistax ikun hemm il-ġudikat fil-konfront tal-konvenuti u l-atturi l-oħra. Jista' jiġi talvolta obbjettat illi f'azzjoni simili l-effikaċja tal-ġudikat ottenut fuq istanza ta' Giovanna Spiteri għandha tiġi estiża favur l-atturi l-oħra, li għandhom l-istess interess ta' Giovanna Spiteri, u li bbenefikaw b'dak li otteniet hija b'dik is-sentenza. Issa hu veru illi, kif jingħad f'monografija stampata fl-1935, miktuba mill-Professur Enrico Tullio Liebman, intitolata "Efficacia ed Autorità della Sentenza", xi awturi moderni ppruvaw jestendu l-effikaċja tal-ġudikat għat-terzi, bit-teorija tar-rappreżentanza, jew sostituzzjoni proċesswali "in utilibus", bħal ma għamlu l-Betti u l-Carnelutti, u ġiet avanzata wkoll it-teorija ta' l-"effetti riflessi". Iżda, kif osserva Liebman, kollox jerġa' jaqa' fil-kliem suċċinti tal-Chiovenda għap-propożitu ta' din il-kwistjoni; jiġifieri:— "Tutti sono tenuti a riconoscere il giudicato fra le parti; però non possono esserne pregiudicati". Tidher aktar sana u aċċettabili dik id-dottrina li ssegwi strettament ir-regola illi s-sentenza, meta tgħaddi ġudikat, hija ostativa għal dawk li personalment, jew permezz ta' l-awturi tagħhom, jew ta' rappreżentant leġittimu tagħhom, kienu parti fil-proċess li ta lok għal dik is-sentenza. U kien in bażi ta' din id-dottrina li ġie, f'każijiet analogi, deċiż illi "il coerede che agisce in giudizo, anche per nullità di un testamento, non rappresenta gli altri coeredi, ma soltanto sè stesso per la quota ereditaria a lui spettante; donde la cosa giudicata pronunciata sulla sua domanda non giova nè nuoce agli altri coeredi"; u illi "la sentenza che dichiara la nullità di un testamento non forma giudicato se non riguardo

a quello fra i coeredi che la ottenne — per la sua quota di eredità" (ara Repertorio Prof. Fadda, Comm. art. 1351 Cod. Civ. Ital., para. 2391-2392). Gie wkoll deċiż fl-istess sens illi "la sentenza che pronuncia la nullità di un testamento su domanda di un coerede non fa stato rispetto agli altri coeredi rimasti estranei al giudizio" (Rep. Coen, Voce "Cosa Giudicata", para. 533);

Illi għalhekk, in kwantu għall-atturi l-oħra, ħlief, għal issa, l-attriċi Giovanna Spiteri, ma hemmx l-ostakolu tal-ġudikat, għaliex jonqos ir-rekwiżit ta' l-"eaedem personae";

Ikkunsidrat;

Illi l-ostakolu tal-ġudikat ma hemmx lanqas għar-rigward ta' l-attriċi Giovanna Spiteri, għaliex fil-proċess invokat mill-atturi in sostenju tal-ġudikat dina Giovanna Spiteri pproċediet "ex jure proprio", u mhux, kif qiegħda tagħmel f'dan il-proċess, "sicut haeres". Infatti huwa ħaġa magħrufa illi "per l'identità delle persone, agli effetti della cosa giudicata, non basta che esse sieno fisicamente le stesse, ma occorre anche che rivestano nei giudizi la medesima qualità giuridica" (Coen, loc. cit., para. 518). Il-fatt li fil-kawża "Spiteri vs. Soler" Giovanna Spiteri aġixxiet "jure proprio" u li issa qiegħda taġixxi bħala eredi ta' Maria Spiteri huwa, ipotetikament, fatt li jista' jġib għal konsegwenzi importanti, għaliex, bħala eredi indiskreta, jistgħu kontra tagħha jingħataw eċċezzjonijiet li kienu elevabili kontra l-awtriċi tagħha, mentri bħala attriċi "jure proprio" fil-proċess ta' qabel dawk l-eċċezzjonijiet ma kienux sollevabili. Minħabba f'hekk, il-kamp tad-"disputatum" jew tal-"quod disputari debebat", li huwa l-limiti tad-"decisum" għall-finijiet tar-"res judicata", huwa divers fil-każ wieħed u l-ieħor; u jekk huwa divers, ma jistax ikun hemm il-"non bis in idem";

Illi konsegwentement ma hemmx l-ostakolu tal-ġudikat għall-konvenuti, la fil-konfront ta' Giovanna Spiteri u lanqas ta' l-atturi l-oħra, għal dak li jirrigwarda d-donazzjoni magħmula lill-awtur tal-konvenuti tal-fond fil-kwistjoni, u għal dak li jirrigwarda l-apertura tas-suċċessjoni ta' Padre Meli. Dana jfisser illi l-kwistioni tal-proprjetà tal-fond għandha tiġi riaperta mill-ġdid f'dan il-proċess, bil-kwistjonijiet għaliha preliminari tal-validità tad-donazzjoni u ta' l-apertura tas-suċċessjoni;

Illi biex tiġi ventilata mill-ġdid kwistjoni simili hemm bżonn li fiċ-ċitazzjoni jkun hemm domanda dwar daqshekk, jiġifieri *dikjarazzjoni li l-proprjetà tal-fond tmiss lill-atturi*. La darba ma hemmx l-effikaċja tal-ġudikat, ir-riferenza għas-sentenza "Spiteri vs. Soler" fiċ-ċitazzjoni ma tistax titqies, lanqas "per equipollens", bħala ekwivalenti għal dik id-domanda, għaliex hija "res inter alios acta" (indipendentement mill-valur tagħha fil-meritu bħala element ta' prova). Din il-Qorti tapprezza illi, kif esprima ruħu l-imħallef allura sedenti fil-kawża "Xuereb utrinque", Kummerċ. 2 ta' Jannar 1883, "il rigore circa le identiche parole della legge, che altre volte *costituiva l'antico sistema delle formole solenni, è ormai* abbandonato come sistema proprio della infanzia del diritto"; imma kieku din il-Qorti, ġa la darba ġudikat ma hemmx, u ġa la darba ma hemm xejn fit-termini taċ-ċitazzjoni biex jeċċita l-konjizzjoni tal-kwistjoni tal-proprjetà, kellha tidħol, qabel ma tinvesti l-kwistjoni tar-rilaxx, fil-kwistjoni tal-proprjetà bil-kwistjonijiet imprexindibilment preliminari tan-nullità tad-donazzjoni u ta' l-apertura tas-suċċessjoni, hija tkun qiegħda taġixxi "ultra petita";

*Illi l-atturi ċċitaw sentenza tal-Qorti ta' Għawdex, li biha ġie* ritenut illi dikjarazzjoni simili ma hijiex meħtieġa (fol. 32 nota ta' l-atturi). Però huwa ċar illi kull każ għandu l-fattezzi tiegħu anki f'din il-materja, kif inhu preċiżament il-każ preżenti, li fih kieku kien hemm il-ġudikat, il-premessi kienu "per equipollens" ikunu ekwivalenti għad-domanda tad-dikjarazzjoni tal-proprjetà. Tant huwa hekk illi l-istess Qorti ta' Għawdex, f'sentenza oħra "Cefai vs. Refalo", 6 ta' Novembru 1863, irriteniet neċessarja dik id-dikjarazzjoni (ara *Giurisprudenza Cremona, comm. art. 175 tal-Proċedura Ċivili*, paġ. 289), kif irritenietha neċessarja din il-Qorti fil-kawża "Camilleri vs. Giglio" deċiża fl-14 ta' Novembru 1883;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità taċ-ċitazzjoni, u tillbera l-konvenuti "ab observantia"; bl-ispejjeż a kariku ta' l-atturi.